MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru 561/2007

Il-Pulizija
(Sp Marisa Camilleri)
vs
Maria Concetta Beckson, bint Carmelo Balzan, imwielda Pieta' fit-28 ta' Iulju, 1962

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli matul ix-xahar ta' frar, 2007 u/jew qabel f'dawn il-Gżejjer assoċjat ruħha ma persuna f'Malta bil-għan li tagħmel delitt f'Malta li għaliha hemm il-piena ta' priġunerija, billi ftehmet u ippjanat ma persuna oħra li jagħmlu frodi għad-dannu tal-kumpanija tal-assikurazzjoni American Home Assurance Company li l-aġenti tagħha huma Montaldo Insurance Agency Ltd. billi falsament irraportat serq ta' vettura tal-għamla Hyundai, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBN 528;

2. talli fl-1 ta’ marzu, 2007 u xi ġranet qabel u/jew xi ġranet wara, bil-ħsieb li tikseb għaliha u/jew għal ħaddieħor il-ħlas ta’ flus għal sigurta’ kontra r-riskji, iddustriġġiet il-vettura tal-għamla Hyundai, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBN 528;

3. talli fl-1 ta’ marzu, 2007 għal ħabta tad-9.10 a.m. għamlet ddenunzja lill-pulizija esekuttiva ta’ reat illi kienet taf li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqot traċċi ta’ reat b’mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar meta għamlet rapport lill-pulizija ta’ serq ta’ vettura tal-għamla Hyundai, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBN 528, meta fil-fatt kienet taf li dan is-serq ma seħħx;

4. talli fl-4 ta’ marzu, 2007 ħalfet il-falz quddiem uffiċjal li għandu s-setgħa b’liġi li jagħti l-ġuramenti (espert maħtur mill-qorti dwar inkjesta ta’ sejba ta’ vettura maħruqa tal-għamla Hyundai, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBN 528).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ jannar, 2008 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 48A, 108(1)(b), 110(2) u 295 tal-Kodiċi Kriminali. Tikkundanna lill-imputata għal piena ta’ tmintax il-xahar priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------